***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar it-Tnejn 26 ta' Lulju 2010 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra li rċieva mingħand Dr. J. Abela fejn talab li jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Il-Kunsill approva li jiġi skużat.

Minħabba li s-Sindku u l-Viċi Sindku kienu għadhom ma waslux, il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-aktar Kunsillier anzjan. Is-Sinjura C. Borg ippresediet il-laqgħa.

## 2. Talba

Is-Sinjura C. Borg qalet it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

3.1 Il-Minuti tal-mitejn u tmienja u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

3.2 Il-Minuti tal-mitejn u disgħa u sebgħin laqgħa (laqgħa straordinarja) tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

### *4.1 Proġett tas-Suq*

Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħolijiet ta' tiswija fir-residenzi li ġarbu ħsarat waqt it-tħaffir tlestew. Sadanittant is-Sur Falzon ippreżenta kont ta' €680.00 għat-tindif tad-dar. Minkejja li ġie nnotat li dan ma kienx inkluż fil-ftehim, il-kont intbgħat lill-kuntrattur.

Il-Kunsilliera ġew infurmati li meta nfetħet il-kaxxa tal-offerti għal-*finishings* instabu 7 offerti. Dawn ġew mgħoddija lill-*Contracts Manager* biex iħejji evalwazzjoni matematika tal-offerti li daħlu.

Sadanittant il-*Contracts Manager* flimkien mal-Inġiniera Jason Vella u Odette Lewis u l-Perit tal-Kunsill qed iħejju d-dokument għat-tender tal-*finishings* tal-parkeġġ.

### *4.2 Korsijiet għall-Adulti*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li qed jitqassam cirkulari fir-residenzi fil-Ħamrun biex jirreklama l-korsijiet għall-Adulti. L-applikazzjonijiet jagħlqu fis-6 ta' Awissu 2010.

### *4.3 Parking Bay fi Triq Manwel Magri*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li s-sit ġie spezjonat mill-Koptasin fejn ġie rakomandat li jinbena *build-out* fil-kantuniera bejn Triq Manwel Magri u Triq il-Fatati biex jiżdiedu żewġ *parking bays*. Il-Kunsill approva li ssir talba lit-Transport Malta f'dan ir-rigward.

### *4.4 Dar għall-Anzjani*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ttieħed il-parir tal-Avukat tal-Kunsill u nbidlet il-*Letter of Intent* biex ġie assigurat li l-Kunsill bl-ebda mod ma joħroġ fondi għal dan l-iskop.

### *4.5 Skrivan Ġdid*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-iskrivan il-ġdid beda l-impjieg tiegħu mal-Kunsill fl-1 ta' Lulju 2010.

## 5. Korrispondenza

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn il-11 ta' Ġunju u s-26 ta' Lulju 2010.

### *5.1 Sur George Sultana - Kontravenzjoni*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Sultana fejn talab li tiġi kkanċellata kontravenzjoni li ngħatatlu minħabba li ma kellux il-permess tar-residenti fuq il-vettura tax-xogħol li tkun għandu 24 siegħa kuljum. Ġie deċiż li s-Sur Sultana jintalab jikteb lill-Bord tal-Petizzjonijiet.

Fis-6.20pm is-Sindku daħal għal-laqgħa u ppresieda.

*5.2 Tribunal Lokali - Komunikat*

Il-Kunsill irċieva Komunikat mit-Tribunal Lokali fejn il-Kummissarju tal-Ġustizzja rrakomanda li l-*parking bays* li huma regolati bil-ħin jinżebgħu kulur differenti mill-*parking bays* ordinarji. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi dan il-Komunikat lill-Transport Malta għal-gwida.

*5.3 Transport Malta – Un/loading Bay fi Triq il-Kappillan Mifsud*

Transport Malta nfurmat lill-Kunsill li rċeviet talba mill-Kumpanija WJA Distributors biex l-*un/loading bay* li kellhom fi Triq Joe Sciberras titpoġġa issa quddiem il-ħanut li għandhom fi Triq il-Kappillan Mifsud. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li titpoġġa *un/loading bay* fi Triq il-Kappillan Mifsud quddiem il-ħanut WJA Distributors bl-istess ħinijiet tal-*un/loading bay* li hemm quddiem il-ħanut Hydroelectric.

*5.4 Kappillan Parroċċa San Gejtanu – Għajnuna Finanzjarja*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Kappillan Parroċċa San Gejtanu fejn talab kontribuzzjoni ta' €5,000.00 mill-Kunsill b'risq il-fond għar-restawr tal-Knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li l-liġi ma tippermettix li l-Kunsill jikkontribwixxi donazzjoni fi flus kif ukoll mhux bi flus. Il-Kunsill iddeċieda li ssir laqgħa mal-Kappillan biex jiġu spjegati ir-restrizzjonijiet finanzjarji tal-Kunsilli Lokali.

*5.5 Petizzjoni - Un/loading Bay fi Triq Indri Cilia*

Il-Kunsill irċieva petizzjoni mis-sidien tal-ħwienet fi Triq Indri Cilia fejn talbu biex issir *communal un/loading bay* f'din it-triq. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*5.6 Dipartiment għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet - Proġett ESF 2.84*

Il-Kunsill ġie nfurmat li jistgħu jinħarġu l-offerti relatati mal-Proġett ESF 2.84 li ġie approvat mill-PPCD qabel l-iffirmar tal-*Grant Agreement*. Is-Sur Arthur Ellul u s-Segretarju Eżekuttiv ser jattendu *training sessions* dwar il-proċeduri kollha relatati mal-proġett.

*5.7 One Productions Ltd. – Programm Televisiv – 'Assedju'*

Il-Kunsill Lokali ġew mistiedna jipparteċipaw fi programm televiżiv li ser jikkonsisti f'logħob avventuruż fil-baħar. Il-Kunsill iddeċieda li ma jipparteċipax.

*5.8 Sur Joseph Bugeja – Attivita' Pubblika fi Triq il-Kbira San Ġużepp*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Buġeja fejn spjega li l-Attivita' li kellha ssir flimkien mal-Ħamrun Liberty fl-4 ta' Settembru 2010 tħassret minħabba raġunijiet li ma kellomx kontroll fuqhom.

*5.9 Sur Wilfred Buttiġieġ – Dħaħen minn forn*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Buttiġieġ fejn ilmenta dwar dħaħen li joħorġu miċ-ċumnija tal-forn "Tal-Goli" li hemm fi Triq Fra Gaetano Pace Forno. Ġie deċiż li l-ilment jiġi riferut lid-Dipartiment tas-Saħħa.

*5.10 Transport Malta – Blue Sticker Badge Holders Parking fi Triq il-Kunċizzjoni*

Transport Malta nformat lill-Kunsill li qed tirrakomanda li ssir *Un/loading Bay* fi Triq il-Kunċizzjoni minħabba li skond it-'*Traffic Management Unit Guidelines*' jeħtieġ li ssir *Un/loading Bay* minħabba n-numru ta' *Parking bays* eżistenti fit-Triq.

F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

*5.11 Dun Anton Portelli – Ktieb dwar iż-żjara tal-Papa*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jixtru ktieb li ġie ppublikat mill-Kurja tal-Arċisqof dwar iż-żjara tal-Papa f'Malta għal prezz ta' €15.00. il-Kunsill approva li jixtri dan il-ktieb.

*5.12 Kunvent tal-Franġiskani – Tberik ta' l-annimali*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Gwardjan tal-Kunvent tal-Franġiskani fejn talab biex flimkien mal-Kunsill issir ċelebrazzjoni tat-tberik tal-annimali il-Ħadd 19 ta' Settembru fl-10.30am quddiem il-Knisja ta' San Franġisk. Il-Kunsill iddeċieda li ssir laqgħa mal-Gwardjan sabiex flimkien issir din l-attivita'.

*5.13 Sur Jason Galea – Estenzjoni ta' Un/loading Bay*

Iil-Kunsill irċieva talba mill-propjetarju tal-ħanut li jbiegħ l-Għamara Antika fi Triq id-Duluri sabiex l-*Un/laoding Bay* li hemm quddiem Spiteri Sacco tiġi estiża quddiem il-ħanut tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li l-*Un/loading Bay* eżistenti tista tiġi wżata miż-żewġ ħwienet.

*5.14 Sinjura Marie Louise Cefai – U-basr fi Triq Villambrosa*

Is-Sinjura Cefai talbet lill-Kunsill biex jerġa jwaħħal il-*U-bars* li kien hemm quddiem ir-residenza tagħha 134, Triq Villambrosa, Ħamrun kif approvat mit-Transport Malta. Il-Kunsill iddeċieda li ssir laqgħa ma' Transport Malta dwar dawn il-*U-bars*.

*5.15 Sur Julian Micallef - Yellow Line*

Is-Sur Micallef talab biex issir *double yellow line* quddiem il-ħanut tiegħu 62, Triq Dun Nerik Cordina Perez. Ġie deċiż li ssir *site inspection*.

*5.16 Għaqda Mużikali San Ġużepp – Ħofor għall-festa*

Il-Kunsill irċieva talba mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp sabiex il-Kunsill iħaffrilhom żewġ ħofor għall-arbli tal-festa. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħofor.

*5.17 Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ – Parteċipazzjoni*

Il-Kunsill approva li jipparteċipaw fil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Ġie deċiz li ssir applikazzjoni f'dan ir-rigward sat- 30 ta' Lulju 2010.

*5.18 Residenti – Sleeping Policeman fi Triq Sant' Antnin*

Il-Kunsill irċieva applikazzjoni biex issir *Sleeping Policeman* fi Triq Sant'Antnin, Ħamrun. Ġie deċiż li l-applikazzjoni tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*5.19 Sur Stefan Gauci Scicluna - Banner*

Il-Kunsill irċieva talba mill-kordinatur tal-'*Qormi Bread Festival'* sabiex ipoġġu *banner* fi Triq il-Kbira San Ġużepp Ħamrun sabiex jirriklamaw l-attivita'. Il-Kunsill ma' approvax li titwaħħal *banner* f'dan ir-rigward.

*5.20 Maltapost – Mobile Post Office*

Il-kumpanija Maltapost infurmat lill-Kunsill li kienet qed tikkonsidra tpoġġi Mobile Post *Office* fi Triq Mountbatten nhar ta' Ġimgħa bejn id-9.30am u s-12.45pm sabiex tipprovdi servizzi postali. Huma talbu l-għajnuna tal-Kunsill f'dan ir-rigward. Il-Kunsill iddeċieda li biex jiġi pparkjat il-*Mobile Post Office* għal skopijiet kummerċjali, irid isir il-ħlas relatat bħal-*temporary permit*.

*5.21 Across Limits Ltd – European Digital Library*

Il-Kumpanija Across Limits Ltd talbet laqgħa mal-Kunsill biex tiddiskuti l-proġett 'Europeana'. Is-Sur A. Ellul spjega li diġa kien sar tentattiv mill-Kunsill biex l-Għaqdiet jipparteċipaw f'dan il-programm, iżda mingħajr suċċess. Minkejja dan is-Sur A. Ellul spjega li lest li jerġa' jiltaqa' magħhom.

*5.22 Sur Raymond Cauchi – Shifting ta' bozza tad-dawl*

Il-Kunsill iċieva ittra mis-Sur Cauchi fejn talab biex isir *shifting* tal-bozza li għandu fuq ir-residenza tiegħu 22/24, Triq Indri Cilia, Ħamrun minħabba li l-fanal qed jagħmel ħsara fil-faċċata. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-Korporazzjoni Enemalta.

*5.23 Sinjura Georgina Azzopardi – Allegati ħsarat*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sinjura Azzopardi fejn allegat li r-residenza tagħha fi Triq San Vinċenz ġarbet ħsarat waqt ix-xogħolijiet ta' tħaffir fil-proġett tas-suq. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi l-ittra tagħha lill-Kuntrattur li għamel ix-xogħolijiet.

*5.24 MEUSAC – Workshops*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li l-MEUSAC ser torganizza workshops relatati ma' EU *Funding Opportunities*. Ġie deċiż li s-Sinjura C. Borg u s-Sur M. Caruana jattendu l-*workshops* relatati mal-Edukazzjoni/ Kultura u Saħħa respettivament.

*5.25 Sinjura Carmen Galea – Talba għal-ħadida*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sinjura Galea fejn talbet biex titwaħħal ħadida fi Triq il-Kbira San Ġużepp kantuniera ma' Triq Ċensu Borg sabiex f'każ ta' inċidenti ta' vetturi, dawn ma jidħlux fil-ħanut. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

Fis-7.25pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

## 6. Rapporti tas-Sotto Kumitati

*6.1 Sotto Kumitat 7*

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li minħabba impenji oħra mhux ser ikun jista' jiddedika ħafna ħin għal-preparamenti tal-Milied ta' din is-sena. Ġie deċiż li t-tema 'Attivitajiet Milied 2010' titpoġġa fuq l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss.

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li l-Profs Axiaq qed jistenna xi informazzjoni mill-Wasteserv għar-rapport tiegħu. Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li l-Kunsill ma jitlobx estenzjoni għar-rapport dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, iżda għandu jibqa jaħdem biex dan jipprova jitlesta sal-aħħar ta' Settembru bidu Ottubru 2010.

## 7. Għażla ta' offerti – *Collection of Mixed Household Waste*

Il-Kunsilliera ġew ippreżentati b'kopja tar-rapport tal-Kumitat tal-Għażla għall-Kuntratt ta' '*Collection of Mixed Household Waste'* (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Wara li l-Kunsill evalwa r-rapport tal-Kumitat tal-Għażla, approva unanimament ir-rakkomandazzjonijiet tal-istess Kumitat, jiġifieri li l-Kuntratt ta' '*Collection of Mixed Household Waste'* jingħata lill-Saviour Mifsud.

## 8. Għażla ta' offerta – '*Collection of Bulky Refuse'*

Il-Kunsilliera ġew ippreżentati b'kopja tar-rapport tal-Kumitat tal-Għażla għall-Kuntratt *' Collection of Bulky Refuse'* (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Wara li l-Kunsill evalwa r-rapport tal-Kumitat tal-Għażla approva unanimament ir-rakkomandazzjonijiet tal-istess Kumitat, jiġifieri li l-Kuntratt ta' '*Collection of Bulky Refuse'* jingħata lill-Claudio Aquilina.

## 9. Għażla ta' offerta – *Road Patching Works*

Is-Sindku, Dr.P. Mifsud Bonnici u l-Contracts Manager tal-Kunsill inħatru bħala membri tal-Bord tal-Għażla biex jiltaqgħu mal-Kuntrattur li ssottometta l-orħos offerti sabiex jiġu kjarifikati xi punti. Ġie deċiż li l-laqgħa mal-Kuntrattur issir nhar it-Tlieta 3 ta' Awwissu fl-10.00am.

## 10. *Quarterly Financial Report* – Jannar sa Marzu 2010

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu Jannar sa Marzu 2010 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-istess rapport finanzjarju.

Il-Kunsill approva unanimament il-*Quarterly Financial Report* għal perjodu Jannar sa Marzu 2010.

## 11. Festival taċ-Ċikkulata

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-minuti taż-żewġ laqgħat li saru bi preparamenti għall-Festival taċ-Ċikkulata ta' din is-sena (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament li s-Sur Mario Camilleri u s-Sur Andrew Farrugia jitħallsu €1,000.00 kull wieħed flimkien ma' kummissjoni ta' 15% fuq il-vendituri (*sponsors*).

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu diskussjonijiet ma' uffiċċjali mill-*Malta Dairy Products* fejn urew interess jipparteċipaw fl-attivita'.

Il-Kunsill approva unanimament li jalloka s-somma ta' €4,000.00 għal-Festival taċ-Ċikkulata ta' din is-sena.

Is-Sindku u s-Sinjura Carmen Borg ser jibdew jiltaqgħu fuq bażi regolari mal-konsulenti sabiex isiru l-preparamenti meħtieġa għal-Festival.

## 12. Festa San Gejtanu

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-minuti tal-laqgħa li saret bejn rappreżentanti tal-Kunsill u uffiċċjali tal-Pulizija rigward il-Festa ta' San Gejtanu.

Is-Sindku spjega li waqt il-laqgħa reġa ressaq il-proposta tal-imwejjed. L-Assistent Kummissarju spjega li għalkemm ma kienx favur is-suġġeriment kien lest jikkunsidra talba formali mill-Kunsill f'dan ir-rigward. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li meta reġa kellem lill-Assistent Kummissarju dan spjega li peress li l-festa waslet magħna mhux ser ikun hemm żmien biex jirreferi t-talba lis-superjuri tiegħu.

Is-Sindku ssuġġerixxa li f'dawn iċ-ċirkustanzi m'għandu jsir xejn din is-sena biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fit-toroq fil-jiem tal-festa.

Is-Sindku spjega wkoll li kellem lis-Sur Joe Buġeja dwar l-armar ġdid li ser ikollom il-Liberty għal-din is-sena.

Fit-8.25pm il-Viċi Sindku u Dr. Paula Mifsud Bonnici ġew skużati mill-laqgħa.

## 13. <u>Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti</u>

13.1 *Ħlas waqt ħruġ tal-Kunsill*

Is-Sinjura Carmen Borg staqsiet jekk il-Kunsill jistax jerġa jibda jissussidja nofs il-ħlas għal-Persuni b'Diżabbilta' li jattendu attivitajiet organizzati mis-Sotto Kumitat. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ser jitlob parir mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali f'dan ir-rigward qabel il-Kunsill jieħu deċiżjoni.

Fit-8.35pm s-Sinjura Judith Buġeja ġiet skużata mill-laqgħa.

## 14. <u>Schedule of Payments</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sal-20 ta' Lulju 2010. (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 15. <u>Aġġornament</u>

Il-laqgħa spiċċat fit-8.40pm.

______________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
DATA